**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' April, 2002

**Numru 24**

**Avviz. numru 638/01JR**

**Auto Sales Limited**

**vs**

**Mario Apap u Carmela Apap**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avvizipprezentat mill-atturi fis-6 ta' Awissu, 2001 fejn intalab il-hlas ta' elf mija sitta u sebghin lira Maltija (Lm1176.00) ammont dovut skond kambjalijiet iffirmati u skaduti. Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 2 ta' Lulju, 2001, Dok.A kambjalijiet;**

**Bl-ispejjez tal-mandat a' qbid ipprezentat kontestwalment.**

**Ra li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta u lanqas ma dehru.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Jean Pierre Scerri ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici l-ammont ta' elf mija u sitta u sebghin lira Maltija (Lm1176.00) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Lulju, 2001, u tal-mandat ta' qbid prezentat kontestwalment mal-avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**Gudikatur**